



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-18 ta' Settembru 2015 –

Petro Suisse Intertrade vs Il-Kunsill

(Kawżi magħquda T-156/13 u T-373/14)

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-ġhan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari — Iffriżar ta’ fondi — Rikors għal annullament — Entità infrastatali — Locus standi u interess ġuridiku — Ammissibbiltà — Dritt għal smiġh — Obbligu ta’ notifika — Obbligu ta’ motivazzjoni — Drittijiet tad-difiża — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Dritt għall-proprjeta’”

1. *Rikors għal annullament — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Interess ġuridiku — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Rikors ippreżentat minn entità li hija estensjoni ta’ Stat terz — Rikors intiż kontra att li jstabbilixxi miżuri restrittivi fir-rigward tagħha — Ammissibbiltà (Artikolu 29 TUE; ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47) (ara l-punti 39-43)*
2. *Rikors għal annullament — Termini — Bidu tad-dekorrenza — Att li jwassal għal miżuri restrittivi fir-rigward ta’ persuna jew ta’ entità — Att ippubblikat u kkomunikat lid-destinatarji — Data tal-komunikazzjoni tal-att (is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 102(1); Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, Artikolu 24(3); Regolament tal-Kunsill Nru 267/2012, Artikolu 46(3)) (ara l-punti 46-52)*
3. *Rikors għal annullament — Motivi — Nuqqas jew insuffiċjenza ta’ motivazzjoni — Raġuni distinta minn dik li tirrigwarda l-legalità fil-mertu (Artikoli 263 TFUE u 296 TFUE) (ara l-punt 61)*
4. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta’ fondi ta’ persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Rekwiżiti minimi (Artikolu 296 TFUE; Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK; Regolament tal-Kunsill Nru 1264/2012) (ara l-punti 63-67, 69-71)*

5. *Atti tal-istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Kriterji alternattivi stabbiliti mill-atti tal-Unjoni għall-inklużjoni ta' entità fil-listi ta' persuni u ta' entitajiet koperti mill-miżuri restrittivi — Natura suffiċjenti ta' motivazzjoni bbażata fuq wieħed minn dawn il-kriterji biss (Artikolu 296 TFUE; Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK; Regolament tal-Kunsill Nru 1264/2012) (ara l-punt 80)*
6. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Prinċipji — Drittijiet tad-difiża — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Dritt għal smiġh qabel l-adozzjoni ta' tali miżuri — Assenza — Drittijiet iggarantiti permezz tal-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-qorti tal-Unjoni u permezz tal-possibbiltà ta' smiġh sussegwenti għat-teħid ta' dawn il-miżuri — Obbligu ta' komunikazzjoni tal-provi kontra — Portata (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK; Regolament tal-Kunsill Nru 1264/2012) (ara l-punti 89-92, 95, 107)*
7. *Proċedura ġudizzjarja — Tressiq ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża — Motiv imressaq għall-ewwel darba fl-istadju tar-replika — Inammissibbiltà (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali (2015), Artikoli 76(d) u 84(1)) (ara l-punti 114, 115)*
8. *L-Unjoni Ewropea — Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Miżuri meħuda fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari — Portata tal-istħarriġ (it-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK; Regolament tal-Kunsill Nru 1264/2012) (ara l-punti 120, 121)*
9. *Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' persuni, entitajiet jew organi li jipparteċipaw fi jew li jsostnu l-proliferazzjoni nukleari — Obbligu li din il-miżura tiġi estiża għall-entitajiet miżmuma jew ikkontrollati minn tali entità — Kwalità ta' entità miżmuma jew ikkontrollata — Evalwazzjoni każ b'każ mill-Kunsill — Implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni — Assenza ta' setgħa diskrezzjonali tal-Kunsill (Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2010/413/PESK, Artikolu 20(1)(c), u 2012/829/PESK; Regolamenti tal-Kunsill Nru 267/2012, Artikolu 23(2)(d) u Nru 1264/2012) (ara l-punti 122-125, 127)*
10. *Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi kontra l-Iran — Iffriżar ta' fondi ta' entitajiet miżmuma jew ikkontrollati minn entità rrikonoxxuta bħala li tipparteċipa fil-proliferazzjoni nukleari — Restrizzjoni tad-dritt għall-proprjetà u tad-dritt għall-eżerċizzju liberu ta' attività ekonomika — Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità — Assenza (Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 16 u 17; Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK; Regolament tal-Kunsill Nru 1264/2012) (ara l-punt 138)*

Suġġett

Talba għall-annullament, minn naħa, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/829/PESK, tal-21 ta' Diċembru 2012, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 356, p. 71), kif ukoll tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1264/2012, tal-21 ta' Diċembru 2012, li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 356, p. 55), u, min-naħa l-oħra, tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tinsab fl-ittra tal-14 ta' Marzu 2014 intiża sabiex iżżomm il-miżuri restrittivi meħuda kontra r-rikorrenti

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Petro Suisse Intertrade Co. SA għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjon Ewropea.